

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura, inklużi l-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u r-reżistenza antimikrobika

(2014/C 438/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. IFAKKAR li skont l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politiki u l-aktivitajiet kollha tal-Unjoni, li l-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politiki nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, li l-Unjoni għandha tinkoragiġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika u, jekk meħtieġ, tagħti appoġġ lill-azzjoni tagħhom, u tirrispetta b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika;
2. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea adottati fit-2 ta' Ġunju 2006 (¹), u b'mod partikolari l-valuri komprensivi tal-universalità, l-aċċess għall-kura ta' kwalità tajba, l-ekwità u s-solidarjetà;
3. IFAKKAR li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014 jenfasizza l-htiegħa għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' inklużjoni attiva, li jinkludu aċċess wiesa' għal servizzi tas-saħħa għall-but ta' kulħadd u ta' kwalità għolja, anke fir-rigward tal-kisba tal-objettivi ta' Ewropa 2020;
4. IFAKKAR fir-Rakkmandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 151/01 tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (²);
5. IFAKKAR fir-Rakkmandazzjoni tal-Kunsill 2002/77/KE tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-użu prudenti tal-äġenti antimikrobiċi fil-mediċina tal-bniedem (³) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' reżistenza antimikrobika (⁴);
6. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 dwar l-impatt tar-reżistenza antimikrobika fis-settur tas-saħħa tal-bniedem u fis-settur veterinarju — perspettiva ta' "Saħħa Waħda" (⁵);
7. IFAKKAR li r-reżistenza antimikrobika u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa huma soġġetti għal sorveljanza epidemjoloġika skont l-Artikoli 2.1(a)(ii) u 2.2 tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (⁶);
8. IFAKKAR fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa WHA67.25 dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi adottata fl-24 ta' Mejju 2014;
9. IFAKKAR li r-Rakkmandazzjoni 2009/C 151/01 u d-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (⁷) jitbolu li l-pazjenti jirċievu kura tas-saħħa skont standards u linji gwida ta' sikurezza u ta' kwalità u jiċċaraw id-dritt li jirċievu informazzjoni, b'mod ċar u transparenti, fir-rigward tal-miżuri tas-sikurezza u l-kwalità fis-seħħ u proċeċ-ċi ta' ilment u mekkaniżmi ta' rimedju;
10. JINNOTA li l-proċessi tat-tfassil tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza, u appoġġati minn ġbir sistematiku ta' data li juża għodod adatti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) relatati mas-saħħa;
11. JINNOTA li t-tendenza attwali li l-kura qed tiġi ttrasferita mill-isptarijiet għal kura barra mill-isptarijiet (outpatient), inkluż il-kura primarja u l-kura fid-djar, tista' tirriżulta f'ammont ikbar ta' kura pprovdu minn ħaddiema tal-kura tas-saħħa mhux tal-isptar, assistenti soċċiali u dawk li jipprovd kura, inkluż dawk li jagħtu l-kura b'mod informali;
12. JIRRIKONOXXI li l-edukazzjoni u t-taħbiġ dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet għandhom jiġu integrati ft-taħbiġ għall-professionisti tas-saħħa u ta' dawk li jagħtu l-kura u jiġu inklużi fi żvilupp professionali kontinwu;

(¹) ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1.

(²) ĠU C 151, 3.7.2009, p. 1.

(³) ĠU L 34, 5.2.2002, p. 13.

(⁴) 16939/11 (COM(2011) 748).

(⁵) ĠU C 211, 18.7.2012, p. 2.

(⁶) ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1.

(⁷) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45.

13. JIRRIKONOXXI li sistemi ta' rappurtar u ta' tagħlim ġusti u li ma jagħtux tort irriżulta li huma għodod eċċellenti biex tiżdied il-kultura ta' sikurezza tal-pazjenti;
14. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet taż-żewġ rapporti ⁽¹⁾ tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implementazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 2009/C 151/01;
15. JIRRIKONOXXI li l-implementazzjoni ta' miżuri effettivi għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa fil-livell reġjonali u nazzjonali hija kruċjali biex jittrażjan it-tixrid ulterjuri u ż-żieda tar-reżistenza antimikrobika u li l-indirizzar ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa hija waħda mis-sisien tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-ġlied kontra t-theddid li qed jiżdied mir-reżistenza antimikrobika, adottata fl-2011 ⁽²⁾;
16. IFAKKAR li huwa stmat li madwar 3,2 miljun pazjent ⁽³⁾ jieħdu infezzjoni assoċjata mal-kura tas-saħħa fl-UE kull sena, li 20-30 % minnhom tqiesu bħala li setgħu ġew evitati ⁽⁴⁾, u li perċentwal bejn il-5 % u l-10 % tal-eventi avversi huma mistennija li jseħħu, bi kważi nofs minnhom jistgħu potenzjalment jiġu evitati ⁽⁵⁾;
17. JIEĦU NOTA tal-fatt li, skont l-istħarriġ speċjali tl-Ewrobarometru "Is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura tas-saħħa" ⁽⁶⁾ fit aktar minn nofs (53 %) taċ-ċittadini kollha tal-UE jaħsbu li l-pazjenti tista' ssirilhom ħsara mill-kura fi sptar f-pajjiżhom, filwaqt li nofs dawk li wieġbu jaħsbu li tista' tiġrīlhom ħsara minn kura tas-saħħa mhux fl-isptar u li dawn il-perċentwali ma naqsux b'mod sinifikanti mill-2009;
18. JINNOTA BI TĦASSIB li skont l-aktar data reċenti ppubblikata miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ⁽⁷⁾, l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa ikkawżati minn mikrorganiżmi reżistenti għal ħafna mediciċini qegħdin jiżdied;
19. JIEĦU NOTA tal-ħidma tad-WHO u tal-OECD dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura, li hija appoġġata wkoll mill-UE;
20. JILQA' l-progress li sar mill-Istati Membri mill-2009 s'issa fl-inklużjoni tas-sikurezza tal-pazjent fil-politiki tas-saħħa pubblika kif spċifikat fir-Rakkomandazzjoni 2009/C 151/01;
21. JILQA' l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sikurezza tal-Pazjenti u l-Kwalità tal-Kura tas-Saħħa dwar linji gwida prattiċi dwar l-edukazzjoni u t-taħbi u dwar sistemi ta' rappurtar u ta' tagħlim;
22. JINNOTA li l-għoti tas-setgħa lill-pazjent u l-involviment tiegħu huma rikonoxxuti bħala parti essenzjali tal-kwalità ta' jaħbi u s-sikurezza tal-kura u jeħtieġu sforz mill-Istati Membri għall-iskambju ta' għarfien u għodod effettivi bejn il-pajjiż;
23. JILQA' l-ħidma tan-Netwerk Ewropew għas-Sikurezza tal-Pazjenti u l-Kwalità tal-Kura (Azzjoni Konguonta PaSQ) dwar l-implementazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 2009/C 151/01 fir-rigward tal-iskambju u l-implementazzjoni tal-prattiki tajba fl-Istati Membri;
24. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal kollaborazzjoni kontinwa u sostenibbli fil-livell tal-UE dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura;
25. JINNOTA li l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza ġenerali tal-pazjenti tar-Rakkomandazzjoni 2009/C 151/01 tagħti kontribut pożittiv għas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ekonomija tas-sistemi tas-saħħa, u li dan jeħtieġ attenzjoni kontinwa;

⁽¹⁾ 17982/12 (COM(2012) 658 final) u 11266/14 (COM(2014) 371 final).

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/dgs/health_consumer/docs/communication_amr_2011_748_en.pdf

⁽³⁾ Point prevalence survey of healthcare-associated infections and antimicrobial use in European acute care hospitals 2011-2012, ECDC, 2013.

<http://www.ecdc.europa.eu/en/publications/Publications/healthcare-associated-infections-antimicrobial-use-PPS.pdf>

⁽⁴⁾ Harbarth S, Sax H, Gastmeier P. The preventable proportion of nosocomial infections: an overview of published reports. *J Hosp Infect* 2003;54:258-266.

⁽⁵⁾ De Vries EN et al. The incidence and nature of in-hospital adverse events: a systematic review Qual Saf Health Care 2008;17:216-223.

⁽⁶⁾ http://ec.europa.eu/health/patient_safety/eurobarometers/ebs_411_mt.htm

⁽⁷⁾ Antimicrobial resistance surveillance in Europe 2012. Annual Report of the European Antimicrobial Resistance Surveillance Network (EARS-Net). ECDC, 2013.

<http://www.ecdc.europa.eu/en/publications/Publications/antimicrobial-resistance-surveillance-europe-2012.pdf>

26. IFAKKAR li l-ħsara assoċjata mal-eventi avversi tirrappreżenta spiża addizzjonali għas-sistemi tas-saħħa;
27. JIKKUNSIDRA li l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa tista' tikkontribwixxi għall-kisba ta' progress fis-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura;
28. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI SABIEX:
- (a) Jintensifikaw l-isforzi tagħhom fl-implementazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 2009/C 151/01, filwaqt li jieħdu kont tal-oqsm ta' priorità identifikati fil-konklużjonijiet taż-żewġ rapporti ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni u r-rapporti dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ u dwar sistemi ta' rappurtar u ta' tagħlim li saru mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sikurezza tal-Pazjent u l-Kwalità tal-Kura;
 - (b) Jidentifikaw, jekk dan ma sarx digħi, l-awtoritajiet inkarigati mill-implementazzjoni u l-monitoraġġ ta' strateġiji integrati dwar is-sikurezza tal-pazjenti, inkluż il-prevenzjoni, is-sorveljanza u l-kontroll ta' infelżzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa;
 - (c) Jikkunsidraw l-implementazzjoni ta' linji gwida, rakkomandazzjonijiet u prattiki tajbin dwar is-sikurezza tal-pazjenti, il-prevenzjoni u l-kontroll ta' infelżzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u r-reżistenza antimikrobika, u l-użu ta' tassonomija tad-WHO dwar is-sikurezza tal-pazjenti biex jgħin fit-titjib tal-prestazzjoni klinika u organizattiva;
 - (d) Jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' impiegati tal-kura tas-saħħa dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-infelżzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, filwaqt li jieħdu kont tal-ħidma rilevanti tal-ECDC, inkluż id-dokument tekniku tal-ECDC "Core competencies on infection control and hospital hygiene professionals in the European Union" (¹), kif ukoll rakkomandazzjonijiet rilevanti tad-WHO, bil-ħsieb li tīgħi promossa d-disponibbiltà ta' persunal imħarreġ b'mod adatt, inklużi impiegati speċjalizzati fil-kontroll tal-infelżzjonijiet, f'ambjenti tal-kura tas-saħħa;
 - (e) Jinkoraġġixxu l-l-organizzazzjonijiet tal-professjonisti tas-saħħa biex tinbena kultura interprofessjonal ta' sikurezza tal-pazjenti li tippermetti proċessi integrati u ta' kwalità għolja ta' kura;
 - (f) Jiżviluppaw miżuri li jippermettu rappurtar ġust u li ma jagħtix tort minn professjonisti tas-saħħa jew minn pazjenti u jappoġġaw trattament mingħajr ma jingħata tort ta' żbalji u ta' eventi avversi kif ukoll li jsir tagħlim minnhom;
 - (g) Jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-pazjenti, il-familji u dawk li jagħtu l-kura b'mod informali, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, permezz tal-għoti ta' informazzjoni u l-edukazzjoni bbażati fuq l-evidenza u imparzjali, u jipromwovu l-parteċipazzjoni tal-pazjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċess tal-kura tas-saħħa sabiex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' eventi avversi;
 - (h) Jikkunsidraw l-opportunità li tiġi żviluppata evalwazzjoni kosteffettiva tal-programmi dwar is-sikurezza tal-pazjenti, ukoll abbażi tar-riżultati tal-"Programm għal Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020)";
 - (i) Isaħħu l-programmi u l-pjanijiet għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-infelżzjonijiet matul il-proċess tal-kura u l-fejqan, inklużi programmi mfassla speċifikament għad-djar tal-kura u l-faċilitajiet tal-kura fit-tul;
 - (j) Iżidu l-prevenzjoni, id-dijanjosi, il-monitoraġġ u l-kontroll ta' infelżzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, anke permezz tal-adozzjoni, l-implementazzjoni u l-monitoraġġ ta' linji gwida professjonal fil-livell nazzjonali, fejn adatt f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ECDC;
 - (k) Jaqsmu l-esperjenza dwar strateġiji biex jiżguraw is-sikurezza tal-pazjent u l-kwalità tal-kura bejn u fl-istabbiliamenti kollha fejn tingħata l-kura;
 - (l) Jiżviluppaw linji gwida professjonal dwar l-użu prudenti tal-antibiotiċi, inkluż il-monitoraġġ tal-preskrizzjoni;
 - (m) Ikomplu jiddedikaw attenżjoni speċjali l-l-reżistenza antimikrobika kif iddiċċi kien fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012, kif ukoll jimmonitorjaw il-konsum ta' aġenti antimikrobiċi u jimplimentaw is-sorveljanza tar-reżistenza antimikrobika, inkluż il-parteċipazzjoni f'networks ta' sorveljanza tal-UE dwar dawn il-kwistjonijiet kif ikkoordinati miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini;

(¹) Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Core competencies for infection control and hospital hygiene professionals in the European Union. Stockholm: ECDC; 2013
<http://www.ecdc.europa.eu/en/publications/Publications/infection-control-core-competencies.pdf>

29. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- (a) Jippromwovu kultura ta' sikurezza tal-pazjent, li tinkludi rappurtar ġust u mingħajr li ma jagħtix tort dwar eventi avversi fil-livell tal-istabbilimenti li jipprovd l-kura tas-sahħha u jaħdmu favur il-kejl u t-titjib tal-kultura ta' sikurezza tal-pazjenti;
- (b) Jirrevedu regolarmen il-linji gwida prattiċi dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' professjonisti tas-sahħha u dwar sistemi ta' rappurtar u ta' tagħlim;
- (c) Jippromwovu l-ġbir ta' informazzjoni dwar eventi avversi;
- (d) Jippromwovu l-adozzjoni ta' linji gwida u politika bbażata fuq l-evidenza permezz tal-iskambju tal-aħjar praktiki dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tar-reżistenza antimikrobika;
- (e) Jiżviluppaw gwida tal-UE għall-involviment tal-pazjenti/taċ-ċittadini fi strateġiji għas-sikurezza tal-pazjent, b'kont meħud tal-ħidma tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Sahħha;
- (f) Jiżviluppaw linji gwida volontarji dwar kif għandhom jiġu stabbiliti standards u linji gwida dwar is-sikurezza tal-pazjenti, b'kont meħud tal-metodoloġiji eżistenti rigward l-iffissar ta' standards u linji gwida użati kemm mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet professjonali u xjentifiċi tas-sahħha;
- (g) Jiżviluppaw aktar ħidma dwar id-dimensionsjoniċċi tal-kwalità fil-kura tas-sahħha, b'kont meħud tal-għarfien eżistenti, inkluż il-ħidma tal-“Azzjoni Konġunta dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura” (PaSQ);
- (h) Jiffinalizzaw sa Diċembru 2016 qafas għal kollaborazzjoni sostenibbli tal-UE dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura, anke b'kont meħud tar-riżultati tal-“Azzjoni Konġunta dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura” (PaSQ);
- (i) Jieħdu kont tar-riżultati tar-riċerka filwaqt li jiżviluppaw politiki u programmi u jippromwovu aktar riċerka dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura;
- (j) Jaħdmu lejn fehim aħjar tal-kosteffettività tal-politiki dwar is-sikurezza tal-pazjenti skont il-prinċipji tal-effiċċja, l-effiċċjenza, l-adegwatezza, is-sikurezza u l-kwalità tal-kura;
- (k) Isaħħu aktar il-kooperazzjoni bejn is-settur tas-sahħha tal-bniedem u s-settur veterinarju bil-għan li jiġi indirizzat it-theddi li qed jiżdied mir-reżistenza antimikrobika;
- (l) Isaħħu u jikkoordinaw l-isforzi tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tiġi indirizzata r-reżistenza antimikrobika, b'mod partikolari permezz tal-għoti ta' appoġġ lill-Inizjattiva ta' Programmar Konġunt dwar ir-Reżistenza Antimikrobika.
- (m) Itejbu l-istrategji għas-sikurezza tal-pazjenti abbażi tal-eżiti tal-Azzjoni msejħa “Studju dwar l-ispejjeż ta' servizzi riskjużi tas-sahħha u l-kosteffettività tal-programmi dwar is-sikurezza tal-pazjenti” imnedja mill-Kummissjoni fkollaborazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sikurezza tal-Pazjenti u l-Kwalità tal-Kura;

30. JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- (a) Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fit-titjib tal-istrategji u l-programmi għas-sikurezza tal-pazjenti fl-istabbilimenti tal-kura kollha abbażi tas-sejbiet taż-żewġ rapporti ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni tar-Rakkmandazzjoni 2009/C 151/01;
- (b) Tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitàjiet tal-UE dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura, inkluż l-iż-żbalji tat-trattament u infezzjoniċċi assoċjati mal-kura tas-sahħha u r-reżistenza antimikrobika bl-appoġġ xjentifiku tal-agħażji rilevanti tal-UE, u b'kont meħud tal-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WHO u l-OECD;
- (c) Tkompli ssegwi l-iż-żviluppi fis-sikurezza tal-pazjenti u l-infezzjoniċċi assoċjati mal-kura tas-sahħha fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE u tirrapporta s-sejbiet tagħha dwar ix-xejriet tal-politiki dwar is-sikurezza tal-pazjenti, il-kawżi prinċipali ta' eventi avversi u l-oqsma li jeħtieġu azzjonijiet ulterjuri;
- (d) Tesplora l-possibbiltà li tippreżenta proposta għal Rakkmandazzjoni dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-pazjenti dwar is-sikurezza tal-pazjent b'segwitu għar-Rakkmandazzjoni 2009/C 151/01, u ssegwi aktar ħidma ta' tħejjija mal-Istati Membri dwar id-dimensionsjoniċċi tal-kwalità tal-kura tas-sahħha;

-
- (e) Tissorvelja l-implimentazzjoni d-definizzjonijiet tal-każijiet tal-UE tal-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fis-sorveljanza tal-UE tal-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa kif ikkoordinata mill-ECDC;
 - (f) Tiżgura kontinwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Reżistenza Antimikrobika wara l-2017, inkluża enfasi fuq il-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa.
-